

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (Is-Sitt Awla), tas-27 ta' Settembru 2012, Kuwait Petroleum et vs Il-Kummissjoni (T-370/06), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 4090 finali, tat-13 ta' Settembru 2006, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 (Każ COMP/F/38.456 – Bitum – il-Pajjiżi l-Baxxi), dwar ftehim li jirrigwardaw l-iffissar tal-prezz gross tal-bitum għall-kisi tal-uču tat-toroq fil-Pajjiżi l-Baxxi u dwar l-iffissar ta' tnaqqis minimu uniformi favur bennejja tat-toroq li huma membri tal-akkordju u ta' tnaqqis massimu inqas oħgli applikabbi għall-bennejja l-oħra tat-toroq – Tnaqqis tal-multa imposta fuq l-appellant

Dispożittiv

1. *L-appell huwa miċħud.*
2. *Kuwait Petroleum Corp., Kuwait Petroleum International Ltd u Kuwait Petroleum (Nederland) BV huma kkundannati għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 55, 23.2.2013.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-24 ta' Ottubru 2013 – Lancôme parfums et beauté & Cie vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Focus Magazin Verlag GmbH

(Kawża C-593/12) ⁽¹⁾

(Appell — Trade mark Komunitarja — Trade mark verbali Color Focus — Talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tal — proprietarju tat — trade mark verbali Komunitarja Focus — Dikjarazzjoni ta' invalidità — Ċessjoni — Artikolu 19 tar-Regoli tal-Proċedura — Appell li ma għadix għandu skop — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni)

(2014/C 102/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Lancôme parfums et beauté & Cie (rappreżentant: A. von Mühlendahl, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: A. Folliard-Monguinal, aġġent, R. Schweizer, avukat), Focus Magazin Verlag GmbH (rappreżentant: R. Schweizer, avukat)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tmien Awla) tal-5 ta' Ottubru 2012 fil-Kawża T-204/10, Lancôme vs UASI, li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors għal annullament ippreżżentat mill-proprietarju tat-trade mark verbali "COLOR FOCUS", għal prodotti fil-klassi 3, kontra d-Deċiżjoni R 238/2009-2 tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tal-11 ta' Frar 2010, li tiċħad l-appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni li tilqa' t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark imsemmija, imressqa mill-proprietarju tat-trade mark verbali Komunitarja "FOCUS", għal prodotti fil-klassi 3 – Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 – Probabbiltà ta' konfużjoni – Xebh tat-trade marks – Użu ġenwin mit-trade mark preċedenti – Abbuż ta' dritt

Dispożittiv

- 1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq l-appell.*
- 2) *Lancôme parfums et beauté & Cie hija kkundannata għall-ispejjeż ta' din il-proċedura.*

⁽¹⁾ ĠU C 23.02.2013